MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 48/2012

**Appell Nru. 48/2012**

**Il-Pulizija**

**(Spt. Maria Stella Attard)**

**Vs**

**Ramon Fenech**

**Illum 26 ta' Marzu, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 489683(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Mejju, 2011 ghall-habta ta' 3.30 a.m. fi Triq il-Pitkali, Attard, fejn l-Isptar Santa Katerina, waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni RAM 149

1. irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, meta gie mitlub biex jaghti dan il-kampjun minn persuna nkarigata minn servizz pubbliku;
2. saq jew ipprova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bin-numru tar-registrazzjoni RAM 149 meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
3. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 839, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq Bernice Pace u fuq Dawn Zammit hekk kif gie ccertifikat mit-tabib Dr. Mark Aquilina MD, u minn Dr. Krystle Blaire MD.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Jannar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 15E u 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 95 u 221 tal-Kodici Kriminali, stante li mill-provi li kien ghad fadal ma gewx ippruvati l-akkuzi odjerni, lliberat lill-appellat mill-akkuzi kollha kif dedotti kontrih,

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 ta' Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-interita taghha u minnflok tipprovdi u tiddeciedi l-mertu tal-kawza mill-gdid billi ssib lill-appellat imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu kif ukoll li tordna l-iskwalifika mill-licenzja kollha tas-sewqan tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellat Ramon Fenech kien fl-ewwel (1) ta' Mejju tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (3.30 a.m.) kien qed isuq il-vettura RAM 149 fi Triq il-Pitkali, H'Attard meta hin minnhom wara li avvicina l-istop sign baqa' diehel fuq wara ta' vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni NFS 313 misjuqa minn Ryan Xuereb. Mieghu kien hemm Bernice Pace u Dawn Zammit. Peress illi din tal-ahhar bdiet tilmenta minn ugigh f'daharha l-wardens illi gew biex jinvestigaw dan il-kaz tal-pulizija illi gew fuq il-post. Hemmhekk PS 839 innota illi l-appellat kellu rieha ta' xorb u qam argument bejniethom fejn gie allegat illi l-appellat ingurja u hedded lil PS 839. Irrizulta sussegwentement illi Dawn Zammit sofriet griehi ta' natura hafifa. Il-pulizija ipprocedew kontra l-appellat bl-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat. Izda waqt is-smigh quddiem il-Qorti tal-Magistrati d-Difiza talbet l-isfilz tax-xhieda ta' PS 839 Stephen Micallef peress illi din kienet miktuba bl-Ingliz. L-ewwel Qorti laqghet it-talba tal-isfilz u b'sentenza tat-tlettax (13) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) ordnat il-liberatorja tal-appellat.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-Qorti ma kellha qatt tornda l-isfilz tal-affidavit ta' PS 839 Stephen Micallef izda se mai tordna traduzzjoni taghha. Din il-Qorti b'sentenza in parte tat-tlettax (13) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) laqghet l-aggravju tal-Avukat Generali, ordnat li ssir traduzzjoni u l-affidavit ta' PS 839 jibqa' bhala parti integrali tal-provi tal-Prosekuzzjoni u ordnat illi l-provi jinstemghu mill-gdid.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi wara l-incident l-appellat kien arroganti u aggressiv mhux hazin tant illi beda jirrabja u jsabbat fuq il-bonnet tal-karozza tieghu. PS 839 Stephen Micallef jghid illi l-appellat indirizz kliem bhala "kurnut" u "purcinell" u ipprova jintimidah bil-konnessjoni mal-

politika illi l-appellat allegatament kellu. Irrizulta illi ghall-ewwel l-appellat accetta li jsir il-breathalyzer test izda meta waslu l-ghassa ta' Birkirkara l-appellat irrifjuta illi jaghmel dan it-test fuq parir tal-avukat tieghu ghad illi kien ammetta illi kien ha diversi birer waqt illi kien qieghed party Ta' Qali. L-appellat jikkonferma illi kellu incident mal-vettura l-ohra li kien biss "bumper to bumper" u meta gew il-wardens biex jiehdu l-mizuri dawn cemplu lill-pulizija illi gew fuq il-post. Veru illi huwa irrifjuta illi jiehu l-breathalyzer test ghad illi l-particulars tieghu tahomlu. Meta l-pulizija qalulu biex ihalli l-karozzi fejn kienu kien hawnhekk illi l-appellat uza l-kelma "purcinellata" li jhalli l-karozza fin-nofs izda din il-kelma ma kinitx indirizzata lill-pulizija. Kien is-surgent illi agaxxa b'mod stramb fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali din il-Qorti jidhrilha illi ghandha toqghod fuq il-verzjoni moghtija minn Ryan Xuereb, Dawn Zammit u s-Surgent Micallef. Wara l-incident l-appellat deher aggressiv u arroganti u bir-rabja li kellu ingurja u hedded lil PS 839 u l-griehi hfief illi sofrew Bernice Pace u Dawn Zammit kienu konsegwenza diretta tal-incident illi tieghu kien qed jahti l-appellat. Filwaqt illi huwa minnu illi l-appellat irrifjuta illi jaghti l-kampjun tan-nifs din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tinstab htija taht l-ewwel akkuza kif ukoll tat-tieni illi ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorba jew drogi.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza meta persuna tirrifjuta li tossottometti ruhha ghall-ezami tan-nifs f'dak illi huwa maghruf bhala "roadside test", dan jaghti lok ghall-arrest tal-persuna u mhux ghar-reat indikat fic-citazzjoni. Ir-reat imbaghad jigi ikkunsmat meta dak li jkun jittiehed fil-kwartieri generali tal-pulizija fejn hemm l-apparat ordnat mil-ligi u f'dak l-istadju jirrifjuta illi jiehu l-ezami. F'dan il-kaz johrog car illi l-appellat ittiehed biss l-ghassa ta' Birkirkara u minn hemmhekk intbaghat id-dar. Teknikament, ghalhekk, la darba ma giex offrut l-ezami fil-laboratorju tal-kwartieri generali tal-pulizija l-appellat ma jistax jinstab hati

tal-ewwel imputazzjoni (ara "Pulizija versus Julian Sciberras", Appell Kriminali, 13 ta' Marzu 2001, kif ukoll Il-Pulizija versus Raymond Parnis, 2 ta' Mejju 2012).

Ghal dak li jirrigwarda s-sewqan ma jidhirx illi kien hemm xi haga partikolarment hazina fis-sewqan tal-appellat. Veru illi baqa' diehel fuq il-karozza ta' quddiemu imma dan seta' kien sforz ta' traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-appellat, izda mhux minhabba xorb jew drogi. Persuna jista' jkollha rieha ta' xorb però b'daqshekk ma jfissirx illi ma kinitx f'kondizzjoni li ssuq. Biex tasal ghal dik il-konkluzjoni dan irid ikun abbinat ma' xi haga ohra bhal sewqan erratiku jew inkella rizultat ta' breathalyzer test mehud skont il-ligi. Ghalhekk hawn ukoll il-Qorti ssib illi ma tistax issib htija ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza.

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-artikoli 95 u 221 tal-Kap 9, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minnhom tilliberah. Issibu hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni u tikkundannah ghal multa komplessiva ta' elf ewro (€1,000).

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------